MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 865/2002/1

**Joseph Gauci u martu Vincenza Gauci, u Carmelo Galea u martu Pauline Galea**

**vs**

**Jane Galea illum mart Anthony Ellul, u Paola armla ta' Paolo Galea, Maryanne, Raymond, Carmen, Elizabeth u Monica ilkoll ulied Paola Galea**

**Il-Qorti;**

Din il-kawza bdiet bil-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv fl-10 ta’ Gunju, 2002. Dan il-mandat hareg fuq talba tal-appellanti odjerni u cioe` Jane Galea illum mart Anthony Ellul, Paola Galea u ulied din Paola Galea cioe` Maryanne, Raymond, Carmen, Elizabeth u Monica, ahwa Galea. Dan il-mandat igib in-numru 1212/02.

Fis-26 ta’ Lulju, 2002 is-sekwestrati – Joseph Gauci u martu Vincenza u Carmelo Galea u martu Paola – ippresentaw rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 283A ghar-revoka ta’ dan il-mandat. B’digriet moghti fit-3 ta’ April, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba u rrevokat u hassret il-Mandat ta’ Sekwestru 1212/2002, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Is-sekwestranti appellaw quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors datat 9 ta’ April, 2003.

L-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-30 ta’ Gunju, 2003. F’dik l-udjenza l-abbili difensur tal-appellanti fisser li xtaq li jipproduci dokumenti u, okkorrendo, provi godda f’dana l-istadju ta’ appell, u talab zmien biex jipprezenta rikors ghal dana l-fini. Sar ir-rikors u giet presentata wkoll ir-risposta ta’ l-appellati.

Fl-udjenza tal-20 ta’ Ottubru, 2003 l-abbili difensur ta’ l-appellati ppresenta, permezz ta’ nota, kopja ta’ kontro-mandat mahrug fl-atti tal-mandat meritu ta’ dana l-appell. Dana l-kontro-mandat hareg fl-20 ta’ Awissu, 2003 ghar-raguni li l-mandat ma kienx gie prorogat skond il-ligi (kif provvdut fl-Artikolu 383, Kap. 12). L-appellanti ma jikkontestawx l-ezistenza ta’ dan il-kontro-mandat; in fatti, permezz ta’ rikors presentat fil-31 ta’ Ottubru, 2003 huma jammettu li fil-fatt hareg dan il-kontro-mandat (li jgib in-numru 1408/03), izda jikkontendu li peress li fil-pendenza tal-mandat xi sekwestratarji – il-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank Malta plc – kienu ddepozitaw xi flus taht l-awtorita` tal-Qorti “sabiex jigu zbankati minn min ghandu dritt ghalihom skond il-ligi”, l-appell ghandu xorta wahda jigi trattat u deciz. In fatti permezz ta’ dan ir-rikors l-appellanti talbu specifikatament lil din il-Qorti “sabiex minkejja l-hrug tal-kontro-mandat…taqta’ u tiddecidi l-mertu tal-pendenzi ta’ bejn il-partijiet u tawtorizza lil

wahda mill-istess partijiet tizbanka l-flus iddepozitati taht l-awtorita` tal-Qorti permezz tac-cedoli 864/02 u 917/02 u dan wara li din l-Onorabbli Qorti tkun trattat dan l-appell u l-atti kollha relattivi u sussegwenti ta' dawn il-proceduri".

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellanti fir-rigward ta' dak mitlub fir-rikors tal-31 ta' Ottubru, 2003. L-appell odjern huwa appell minn digriet moghti wara procedura specjali kif kontemplata fl-Artikolu 283A tal-Kap. 12. Din il-procedura tigi mibdija sabiex jintalab it-thassir, ghal kollox jew in parti, tal-att ezekuttiv in kwistjoni, u effettivament l-appellati, bir-rikors taghhom tas-26 ta' Lulju, 2002, kienu hekk talbu it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru nru 1212/02. Il-Prim Awla, bid-digriet taghha tat-3 ta' April, 2003, laqghet it-talba u hassret u rrevokat il-mandat kollu kemm hu. Bir-rikors ta' appell taghhom l-appellanti qed jitolbu r-revoka ta' dak id-digriet. Il-kwistjoni – u l-unika kwistjoni – meritu ta' dana l-appell, ghalhekk, ma hix jekk hemmx flus biex jikkawtelaw il-pretenzjonijiet tal-appellanti (gia sekwestranti), jew fejn jinsabu dawn il-flus jew jekk gewx o meno depozitati x'imkien, u jekk gew depozitati, min hu intitolat ghalihom; l-unika kwistjoni meritu ta' l-appell hi jekk il-mandat ezekuttiv kellux jithassar o meno "ghal raguni valida skond il-ligi" (Art. 283A(1), Kap. 12). Sia l-proceduri quddiem il-Prim Awla kif ukoll il-proceduri quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – necessarjament jippresumu l-ezistenza ta' att ezekuttiv li jkun ghadu fis-sehh, ghax huwa proprju sabiex dak l-att ma jibqax fis-sehh li tigi mibdija l-procedura skond l-Artikolu 283A. Una volta dak l-att ma jkunx, ghal xi raguni, ghadu fis-sehh, la jkun hemm lok ghall-proceduri quddiem il-Prim Awla u anqas quddiem din il-Qorti skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 283A imsemmi. Il-kwistjoni ta' minn ghandu dritt ghal xi flus depozitati – bhall-kwistjoni ta' jekk is-sekwestrati humiex debituri tas-sekwestranti – tista' tkun il-meritu ta' kawza *ad hoc*, izda certament mhux il-meritu ta' proceduri taht l-Artikolu 283A galadarba l-att ezekuttiv m'ghadux fis-sehh.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti: (a) tipprovdi dwar ir-rikors tal-31 ta' Ottubru, 2003 billi tichad it-talba kontenut fl-istess rikors, u (b) tipprovdi dwar ir-rkors ta' appell tad-9

ta’ April, 2003 billi tiddikjara li fil-mori tal-appell il-meritu gie ezawrit minhabba l-hrug tal-kontro-mandat 1408/03 tal-20 ta’ Awissu, 2003, u konsegwentement (i) tiddikjara li l-partijiet illum jinsabu fl-istess posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma nhareg il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv 1212/03 tal-10 ta’ Gunju, 2002 u (ii) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess appell.  Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------